MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 112/2011

**Casa Antonia Limited**
**Vs**
**Avukat Martin Fenech nominat b'digriet tat-8 ta' Marzu, 2010 bhala kuratur deputat ghan-nom u in rapprezentanza tal-eredita gjacenti ta' John Cardona li kellu l-karta tal-identita' numru 460028M**

**Illum 23 ta' Marzu, 2012**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ta' ritratazzjoni ta' Anthony Busuttil ID nru: 211151M u Frances Busuttil ID nru: 439655M pprezentat fl-1 t'April, 2011 u li fiha ppremettew illi permezz ta' rikors ipprezentat mis-socjeta' Casa Antonia Limited fis-27 ta' Jannar, 2010 fil-Qorti tal-Magistrati, il-kawza fl-ismijiet hawn fuq premessi, l-atturi intimati talbu kundanna tal-Avukat Martin Fenech bhala kuratur deputat ghan-nom u in rapprezentanza tal-eredi gjacenti ta' John Cardona biex ihallas is-somma ta' ghaxart elef seba' mija u sebgha u erbghin ewro u wiehed

u erbghin centezmu (€10, 747.41) rapprezentanti bilanc dovut in konnessjoni ma' servizz ta' akkomodazzjoni u kura ghaf-favur tas-sur John Cardona illi miet fil-15 ta' Jannar, 2010 u dan bl-ispejjes komprizi dawk prezenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-intimat ingunt in subizzjoni;

Illi l-Avukat Martin Fenech b'risposta datata 29 ta' Marzu, 2010 eccepixxa li l-esponent mhux edott mill-fatti u jirrizerva li jissottometti risposta ulterjuri meta jkun jaf il-fatti u lir-rikorrenti ghandu jiddikjara jekk jaf b'eredi tal-mejjet John Cardona u fejn jistghu jinstabu;

Illi permezz ta' sentenza moghtija fl-14 ta' Lulju, 2010, il-Qorti tal-Magistrati laqghet it-talba bl-ispejjes u bl-imghaxijiet;

Illi ricentement u precizament fil-15 ta' Frar, 2011 l-esponenti gew interpellati fl-ewwel lok sabiex ihallsu s-somma ta' ghaxart elef seba' mija u sebgha u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€10, 747.41) kif deciz fis-sentenza peress illi dan il-kreditu llum huwa koperta b'nota ta' iskrizzjoni ta' ipoteka generali bin-numru progressiv 16269/10. Fit-tieni lok intalbu jhallsu s-somma ta' tnax-il elf tmien mija u hamsa u erbghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€12,845.92) rapprezentanti dejn gravanti l-imsemmi eredita u dan kif spjegat mis-socjeta' attrici peress illi l-esponenti huma l-eredi tas-sur John Cardona ai fini ta' testament maghmula minnu fil-31 ta' Lulju, 2002 fl-atti tan-Nutar Cilia;

Illi is-suespost juri n-nuqqas tas-socjeta' intimata li minn naha taghhom setghu facilment jifthu kawza kontra l-eredi tas-sur John Cardona minflok l-Avukat Martin Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tal-eredita ta' l-istess Cardona;

Illi di piu, din l-obbligazzjoni jirrizulta ai termini tal-886 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinghad li werriet ghandu jitqies bhala de jure kuratur tal-wirt u f'dik il-kwalita jista' jigi msejjah f'kawza biex jidher ghall-wirt u biex jwiegeb ghat-talbiet gudizzjarji li jingiebu kontra l-wirt;

Illi in konsegwenza ta' dan l-obbligu, il-konvenuti intimati, l-esponenti li kienu l-legittimi kontraditturi f'din il-kawza ma gewx moghtija l-fakulta li jidhru ghas-smigh tal-kawza sabiex jiddefendu l-posizzjoni taghhom u dan meta l-istess atturi intimati setghu facilment stabilew dan l-istat ta' fatt permezz ta' ricerki appositi peress illi l-esponenti kienu ilhom zmien jiehdu hsieb l-interess tal-istess John Cardona u dan kif l-istess atturi kienu jafu ben tajjeb;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-istess sentenza ghandha tigi mhassra peress illi nghatat bi ksur tal-artikolu 811(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi li kawza tista' tigi mhassra jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bil-hsara lill-ohra. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu l-esponenti jghidu li din is-sentenza ttiehdet b'qerq ghax l-atturi intimati kienu jafu li l-esponenti kienu l-eredi tad-defunt is-sur John Cardona u dan kif jirrizulta fl-ewwel lok fir-Rikors Guramentat 337/08JRM u 1098/07 GCD fejn l-esponenti gew interpellati sabiex ihallsu lil Casa Antonia s-somma in rapprezentanza ta' akkomodazzjoni u servizzi ancillari rezi ghaf-favur id-defunt John Cardona u kif ukoll lill-martu li ghada hajja, Diana Margaret Cardona abbazi tal-fatt li skont l-ahhar testament ta' John Cardona, l-eredi universali tal-konvenuti huma l-konjugi Frances u Anthony Busuttil;

Fit-tieni lok, wara li nghatat is-sentenza, l-atturi intimati interpellaw l-istess esponenti sabiex jezegwixxu t-titolu ezekuttiv tas-sentenza datata 14 ta' Lulju 2010 fl-ismijiet hawn fuq premessi u dan ghall-istess raguni li skont l-ahhar testament ta' John Cardona, l-esponenti huma l-eredi universali tal-istess John Cardona;

Illi l-qerq ta' Casa Antonia Limited jista' jitqies bhala qerq gudizzjarju, jigifieri inherenti mal-proceduri kif fil-fatt f'dan il-kaz kien ghaliex l-esponenti ma gewx debitament notifikati meta kienu l-legittimi kontradituri u kienu mgharrfa u mhux kif dikjarat fl-att bhala wirt gjacenti;

Illi ghaldaqstant, a kawza ta’ dan il-qerq din is-sentenza tiddelinea il-principju tal-gustizzja naturali audi alteram partem;

Ir-rikorrenti lmentaw ukoll illi s-sentenza ghandha tigi mhassra peress illi s-sentenza inghatat bi ksur tal-artikolu 811(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema subartikolu jipprovdi illi l-kawza tista’ tigi mhassra jekk wahda mill-partijiet fil-kawza ma tkunx persuna legittima kemm-il darba ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni tal-legittima. Ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, l-esponenti kienu l-legittimi kontradditturi f’din il-kawza u mhux l-Avukat Martin Fenech u dan ghar-ragunijiet elenkati hawn fuq u dan peress li eredita mhix gjacenti stante li r-rikorrenti huwa l-werrieta ta’ John Cardona permezz ta’ testament in atti tan-Nutar Joe Cilia u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jinhatar kuratur;

Ghalhekk l-esponent filwaqt illi talab it-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-14 ta’ Lulju, 2010 fl-ismijiet premessi talab illi din il-kawza tigi ritrattata u dan abbazi tal-artikolu 811(a) u 811(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti rat ir-risposta tas-socjeta’ Casa Antonia Limited illi fiha bil-gurament ta’ Edward Vella esponiet li hadet konjizzjoni tar-Rikors Guramentat ta’ ritrattazzjoni ta’ Anthony u Frances Busuttil li permezz tieghu l-imsemmija konjugi Busuttil qeghdin jitolbu lil din il-Qorti li thassar is-sentenza taghha tal-14 ta’ Lulju, 2010 bir-riferenza 24/10SM;

Illi s-socjeta’ esponenti tirrespingi l-allegazzjonijiet kollha sollevati mill-intimati Anthony u Frances Busuttil bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;

Illi s-socjeta’ esponenti tissottolinea li hija adoperat dawk il-proceduri legali lilha opportuni u mexxiet l-azzjoni taghha skont id-dettam tal-ligi u wara li kisbet l-awtorizzazzjoni mehtiega da parti ta’ dina l-Onorabbli Qorti;

Illi l-intimati Busuttil jirreferu ghall-artikolu 866 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li abbazi tieghu huma jilmentaw illi li l-azzjoni taghhom attakkata bil-proceduri odjerni kellha tigi vvantata fil-konfront taghhom in kwantu eredi tad-decedut John Cardona;

Illi s-socjeta' esponenti tosserva illi c-citata 866 tal-Kap. 16 ma japplikax ghac-cirkostanzi odjerni u dan ghaliex dan l-artikolu huwa ntiz ghall-sitwazzjoni fejn l-eredi jkun irrinunzja ghall-wirt u qieghed hemm biex ihares l-interess tal-kredituri, illi sallum ma jirrizultax illi l-intimati Busuttil jirrinunzjaw ghall-wirt imsemmi u fil-fatt prezentement jinsabu ghaddejin proceduri quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja referenza 113/2011 sabiex isir inventarju tal-assi tad-decujus John Cardona;

Illi l-intimati Busuttil jallegaw ukoll illi s-socjeta esponenti kellha tintavola t-talbiet taghha direttament fil-konfront taghha bhala eredi tad-decujus John Cardona u mhux kontra Dr. Martin Fenech nominat bhala Kuratur Deputat sabiex jirraprezenta l-eredita gjaenti ta' Cardona;

Illi ma jirrizultax illi l-intimati Busuttil kienu sad-data tas-sentenza kontestata accettaw il-wirt tal-imsemmi John Cardona, ghalhekk l-azzjoni tas-socjeta' esponenti qatt ma setghet tigi vvantata fil-konfront taghhom;

Illi di piu, l-azzjoni de quo tinsab ibbazata fuq allegata lezjoni tal-artikolu 811(a) u 811(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minghajr pregudizzju tas-suespost, it-talbiet ghar-ritrattazzjoni tal-intimati fil-konfront tas-socjeta' esponenti huma preskritti ai termini tal-artikolu 818(a) u 818(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta liema termini hekk stabbiliti huma ai termini tal-819 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta meqjusa bhala perentorju salv eccezzjonijiet ohra;

Illi fit-13 ta' Mejju 2011 irrisponda l-Kuratur Dr. Martin Fenech fejn eccepixxa illi huwa mexa skont il-prattika u l-ligi u qeda r-rwol tieghu ta' kuratur skont il-ligi u ghalhekk jirriserva li jissottometti risposta ulterjuri;

Rat il-verbal tas-17 ta’ Gunju, 2011 fejn l-Avukat ta’ Frances u Anthony Busuttil ghamel riferenza ghar-risposta u jiddikjara li flok l-artikolu 866 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta kellu jitnizzel l-artikolu 886 u l-Qorti ordnat l-korrezzjonijiet kif mehtiega, liema korrezzjonijiet gew notifikati dakinhar stess lis-socjeta’ Casa Antonia Limited u Dr. Martin Fenech fejn huma accettaw in-notifika ta’ tali korrezzjoni. Il-partijiet ukoll dakinhar qabblu li l-kawza kellha tigi differita ghall-provi kollha dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajjma mis-socjeta’ Casa Antonia Limited;

Illi fis-27 ta’ Jannar, 2012 il-partijiet ittrattaw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u l-kawza thalliet ghat-23 ta’ Marzu, 2012 fid-9:00 a.m. ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari ossia l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi skont l-artikolu 818 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-kawza ghal ritrattazzjoni trid issir fi zmien tlett xhur, li jibda jghodd fil-kaz tat-talba ta’ ritrazzjoni abbazi tal-artikolu 811(a) ossia l-ewwel talba tar-ritrattandi Busuttil, tlett xhur mill-gurnata li fiha jinkixef il-qerq jew jinsab id-dokument.

Jirrizulta wkoll illi skont l-artikolu 818(1)(d) tal-istess Kap. 12, it-tlett xhur ghal kull kaz iehor, li jigifieri jinkludi wkoll it-talba ta’ ritrattazzjoni taht l-artikolu 811(c) li hija t-tieni talba tar-ritrattandi, t-tlett xhur jibdew minn dakinhar tas-sentenza attakkata.

Mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti jirrizulta illi s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u esebita bhala Dok A li huwa Avviz Nru: 24/2010 bl-istess ismijiet tar-rikors odjern, inghatat mill-Qorti tal-Magistrati dak iz-zmien Magistrat illum Imhallef Dr. Silvio Meli fl-14 ta’ Lulju, 2010.

Jirrizulta wkoll skont dokumentazzjoni esebita mis-socjeta’ Casa Antonia Limited illi fil-15 ta’ Settembru, 2010 jigifieri xahrejn wara li s-sentenza nghatat l-Avukat tas-socjeta’ Casa Antonia Limited kien kiteb lil Anthony u Frances

konjugi Busuttil li huma r-ritrattandi fil-proceduri odjerni fejn infurmahhom illi kellhom sentenza kontra l-eredita ta' John Cardona u li huma kienu qed jitolbu l-hlas ta' tali sentenza.

Jirrizulta illi f'tali ittra kienu qeghdin jitolbu l-ammont ta' tnax-il elf, erbgha mija u wiehed u disghin ewro, u tlieta u tmenin centezmu (€12,491.83) filwaqt illi s-sentenza tal-ewwel Qorti akkordat jew ikkundannat lil Kuratur Deputat sabiex ihallas l-ammont ta' ghaxart elef, seba' mija u sebgha u erbghin ewro, u wiehed u erbghin centezmu (€10,747.41).

Jirrizulta skont l-istess dokumentazzjoni pprezentat mis-socjeta' Casa Antonia Limited u dan f'dokument CA2 illi fid-29 ta' Settembru 2010, tramite l-konsulent legali taghhom, s-sinjuri Anthony u Frances Busuttil kitbu lura lil Casa Antonia Limited fejn infurmaw illi huma dejjem hadu hsieb il-kura tad-defunt John Cardona u dejjem talbu ghall-informazzjoni dwar kontijiet u pendenzi dovuti. Fl-istess ittra sahqu illi d-dejn waqt iz-zwieg jaggrava ghall-komunjoni u la darba mart John Cardona kienet ghadha hajja u ghandha l-mezzi dan il-kont ghandu jigi saldat minnha.

L-istess ritrattandi qalu wkoll li ghalkemm Casa Antonia Limited indikat lill-konjugi Busuttil bhala werrieta universali huma stqarrew illi di fatti ma kienux il-werrieta universali u ghalhekk ma kienux ser jiehdu responsabbilita tal-kont minnhom mibghut.

Rat ukoll illi fil-15 ta' Frar, 2011 giet ipprezentata ittra ufficjali fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghall-hlas ta' tnax-il elf tmin mija u hamsa u erbghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€12,845.92) li jinkludu wkoll l-ammont indikat fis-sentenza li qeghda prezentement tintalab ir-ritrattazzjoni taghha.

Jirrizulta illi tali ittra giet notifikata lil Frances Busuttil fid-19 ta' Frar 2011;

Jirrizulta wkoll skont atti pprezentati l-Qorti minn Frances u Anthony Busuttil illi permezz ta' kuntratt fl-atti ta' Joseph C. Masini fl-14 t'Ottubru, 2011, Anthony Busuttil u Frances Busuttil mart l-istess Anthony Busuttil jirrizulta illi s-sinjuri Busuttil dakinhar accettaw il-wirt tad-decujus bil-beneficcju tal-inventarju.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment</u>**

Skont l-atti pprezentati quddiem din il-Qorti, jirrizulta illi r-rikors promotur gie pprezentat fl-1 t'April, 2011.

Jirrizulta wkoll illi s-sinjuri Busuttil gew a korrent tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati permezz tal-ittra datata <u>15 ta' Settembru, 2010</u> mibghuta mill-Avukat tal-konjugi Busuttil. Jigifieri l-gurnata illi fiha r-ritrattandi Busuttil saru jafu bil-fatt li kien hemm sentenza kontra l-eredita ta' John Cardona kienet dakinhar jew ftit jiem wara illi ntbaghatet l-ittra tal-15 ta' Settembru 2010 liema ittra l-Qorti jidher illi hija kkonfermata illi l-istess ritrattandi rcevew peress illi fid-29 ta' Settembru, 2010 huma tramite l-konsulent legali taghhom rrispondew ghall-kontenut tal-ittra tal-15 ta' Settembru 2010.

Illi tenut kont tal-fatt li jirrizulta ppruvat li l-ittra ntbaghatet fix-xahar ta' Settembru u jirrizulta wkoll li l-istess ritrattandi rrispondew lura fid-29 ta' Settembru, 2010, l-Qorti tipprezumi illi wiehed jista' jistabilixxi bhala data meta inkixef il-qerq tas-sentenza ipotetikament bhala l-15 ta' Settembru, 2010, data meta ntbaghatet l-ittra ta' Casa Antonia Limited. Izda certament l-ittra tad-29 ta' Settembru, 2010 data meta huma rrispondew ghall-kontenut tal-ittra tal-15 ta' Settembru 2010 u kkontendew fost affarijiet ohra illi huma ma kienux ser jiehdu responsabbilita tal-kont mibghut u tal-hlas dovut a tenur tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati hija meta huma wrew li kienu jafu bis-sentenza li qed tigi attakkata. Jigifieri huwa ppruvat li certament fid-29 ta' Settembru 2010 r-ritrattandi kienu akkorrent tal-qerq tas-sentenza.

Jirrizulta wkoll kif hemm fl-atti tal-kawza illi s-sentenza inghatat fl-14 ta' Lulju, 2010, jigifieri t-tlett xhur minn tali

perjodu ghandhom jitqiesu li jibdew jiddekorru mill-ghada tas-sentenza jigifieri mill-15 ta' Lulju, 2010.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi l-eccezzjoni mqajjma mis-socjeta' Casa Antonia Limited tirrigwarda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' tlett xhur li hija preskrizzjoni perentorja kif jistipola l-artikolu 819 u dan tlett xhur fil-kaz tal-ewwel talba tar-ritrattandi, jigifieri dik a tenur tal-artikolu 811(a), tlett xhur minn dakinhar li r-ritrattandi saru jafu bil-qerq u fil-kaz tat-tieni talba ta' ritrattazzjoni taghhom jigifieri dik skont l-artikolu 811(c) tal-Kap. 12, tlett xhur minn dakinhar tas-sentenza attakkata.

Mill-atti jirrizulta li s-sentenza inghatat fl-14 ta' Lulju, 2010 jigifieri tlett xhur minn dakinhar jiskadu fil-15 ta' Ottubru, 2010. Filwaqt illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel talba ta' ritrattazzjoni taghhom il-perjodu ta' tlett xhur kellu jiskatta certament mid-29 ta' Settembru 2010, data fejn ir-ritrattandi stess kitbu ittra fejn cahdu r-rikjesta tal-hlas abbazi tas-sentenza tal-14 ta' Lulju, 2010 u li allura t-tlett xhur f'dan il-kaz jiskadu fid-29 ta' Dicembru, 2010, jigifieri tlett xhur mid-data ta' meta huma baghtu l-ittra li qed jikkontendu l-ammont dovut.

Illi l-fatt li r-ritrattandi rcevew ittra ufficjali fil-15 ta' Frar, 2011 ma jfissirx illi l-istess intimati ma kienux akkorrent tal-fatt illi kien hemm sentenza qabel ghaliex il-fatt li ntbaghtet ittra ufficjali fil-15 ta' Frar, 2011 ma jfissirx li t-tlett xhur sabiex tinbeda azzjoni taht l-artikolu 811 (a) tal-Kap. 12 jibdew jiddekorru minn dakinhar. Il-Ligi tghidlek carament illi t-terminu ghandu jiddekorri mill-gurnata li fih jinkixef il-qerq u jidher ampjament ippruvat illi l-qerq jew allegat qerq seta' gie akkonjizzjoni tal-istess konjugi Busuttil fid-29 ta' Settembru, 2010 meta huma ghamlu riferenza ghas-sentenza moghtija fl-14 ta' Lulju 2010 li huma gharfu li nghatat u li huma kienu qed jikkontendu li l-hlas mhux dovut ghaliex fost affarijiet ohra qalu li dan ghandu jigi saldat minn mart John Cardona u qalu wkoll illi mhux ser jiehdu responsabbilita tal-kont minnhom mibghut.

Il-Qorti ghalhekk ma tistax ma tarax illi l-perijodu perentorju ta' tlett xhur stabbilit fl-artikolu 818(1) tal-Kap. 12 skada fil-mument illi r-ritrattandi pprocedew bir-rikors odjern.

**<u>Konkluzjoni</u>**

Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kaz u wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet, wara li rat l-artikolu 818 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni imressqa mis-socjeta' Casa Antonia Limited hija wahda gusta u timmerita illi tigi akkolta u ghalhekk tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u tiddikjara li r-rikors maghmul mir-ritrattandi Anthony u Frances Busuttil fl-1 t' April, 2011 huwa preskritt a tenur tal-artikolu 818(1)(a) u 818(1)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------